MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Numru. 426/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs.**

**Paul Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Attard**, bin Saviour Azzopardi u Giovanna neé Mifsud, imwieled Malta, nhar l-14 ta' April 1961, u residenti gewwa Abba, Triq Guzeppi Busuttil, Siggiewi detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 353161(M), akkuzat talli nhar it-23 ta' Novembru 2012 filghodu gewwa Attsols, Triq l-Imdina, Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer:

1. gieghel annimal (kelb) isofri ugiegh, tbaghtija jew dwejjaq minghajr bzonn u din bi ksur tal-Artikolu 8(2), Taqsima IV, tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien tal-Annimali;

2. fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb minghajr ma darab ghal Alexander Attard u/jew persuni ohra;

3. fl-istess lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Alexander Gatt u/jew persuni ohra biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu/hom.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-*footage* (Dok. "AA 7" – *a fol.* 24).

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "A1" – *a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet l-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni, tal-*parte civile* u tad-difiza (*a fol.* 68 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed **Alex Attard** (*a fol.* 11 *et seq.*) fejn qal li f'Novembru 2012 sema lil huh l-imputat jghajjat, hareg barra u ra lil huh li qallu li ma setghax jghaddi minhabba l-klieb. Jghid li huh dejjem ghadda minn hemm u hu (Alex Attard)

qallu: *"qatt xi darba gidmuk il-klieb?"* (*a fol.* 11) u dahal il-gewwa. Jghid li sema' xi storbju barra u rega' hareg jittawwal u sab lil huh l-imputat isawwat lill-kelb b'bicca injama. Jghid li mill-*video* jidher li huh l-ewwel sawwat il-kelb billi waddablu briksa. Jghid li x'hin hareg barra, huh mar ghalih b'injama u mbaghad gie mkecci. Jghid li mieghu (ma' Alex Attard) kien hemm ukoll Maryanne Zammit. Jghid li ha l-kelb ghand il-veterinarju u rrizulta li kellu daqqa go mniehru u kellu trawma kbira. Ezebixxa numru ta' dokumenti u cioé: c-certifikat tal-veterinarju li gie mmarkat bhala Dok. "AA 1" (*a fol.* 17 *et seq.*), hames folji mmarkati bhala Dok. "AA 2" sa "AA 6" (*a fol.* 19 *et seq.*) (liema folji ghandhom numru ta' ritratti li ngiebu mill-*footage* tal-kamera u kif ukoll kif kien il-kelb tnax-il siegha wara) u *footage* tas-CCTV li gie mmarkat bhala Dok. "AA 7" (*a fol.* 24).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk l-imputat u hu ghandhomx xi argumenti bejniethom u jekk jitkellmux, wiegeb li ma tantx jitkellmu. Jghid li mhux minnu li telaq minn fejn kien joqghod qabel minhabba problemi mal-girien minhabba l-klieb. Jghid li meta sema' lil huh jghajjat, il-kelb kien marbut kif jirrizulta mill-*footage*. Jghid li l-kelb kellu cinga twila madwar erba' metri. Mistoqsi jghid jekk il-kelb setax jasal san-naha l-ohra tal-hajt, wiegeb billi kkonferma. Mistoqsi jghid jekk bniedem li jkun irid jghaddi minn mal-hajt ma setax jghaddi ghax il-kelb jista' jilhqu, wiegeb: *"Seta' jghaddi ghax huwa fil-fatt ghadda u jidher ghaddej fil-footage ukoll"* (*a fol.* 14). Jghid li l-kelb kellu *range* ta' hames metri fejn jasal. Jichad li huh l-imputat qallu biex izomm il-kelb. Jghid li huh l-imputat beda jghidlu li l-kelb kien qed idejqu. Jghid li ma hassx il-htiega li jmur u jgorr il-kelb jew inehhilu c-cinga twila peress li l-kelb qatt ma ghamel xejn. Jghid li ma kellux ghalfejn izomm il-kelb ghax kien marbut.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehdet ukoll **Maryanne Zammit** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut hi u l-*partner* taghha Alex Attard kienu qeghdin il-post taghhom fil-kwiet u semghu lill-imputat nizel bil-mutur, bhas-soltu. Tghid li kienet ghadha kemm harget zewgt'iklieb barra ghall-arja u li wiehed minnhom kien marbut faccata. Tixhed li semghet il-mutur jieqaf u lill-imputat jghajjat lil huh Alex Attard biex ikellmu. Tghid li semghet lill-imputat jghid bl-herra lil Alex Attard biex inehhi l-

kelb minn fejn kien ghax ma setghax jghaddi. Tghid li semghet lil Alex Attard ighid lil huh li l-klieb qatt ma kienu tawh fastidju u li lil huh qallu biex jibqa' ghaddej. Tispjega li Alex Attard dahal il-gewwa u l-imputat saq il-mutur u semghetu jieqaf ftit l-isfel minnhom u l-klieb taghhom semghethom jinbhu u jersqu lura. Tghid li semghet hoss stramb, ittawwlet mill-bieb u rat lill-imputat sejjer b'injama kbira f'idu u ta daqqa x'imkien bejn iz-zewg vetturi li kienu pparkjati. Tghid li marret tghajjat lil Alex Attard. Tghid li ma ratx lill-imputat jaghti daqqa lil kelb pero tghid li l-kelb sofra xi griehi. Tghid li hi harget wara Alex Attard u kif hargu rat lill-imputat sejjer lura bl-injama ghalihom it-tnejn. Tghid li peress li l-kelb kellu cinga twila, irnexxielu jistahba taht wahda mill-vetturi li kienet ipparkjata pero peress li c-cinga ma taghtux bizzejjed biex jidhol taht il-vettura kollha, il-kelb kien baqaghlu rasu barra. Tghid li hargu l-kelb minn taht il-vettura u li kelb kellu xi grif u deher imwerwer. Ikkonfermat li marru ghand il-veterinarju bil-kelb.

In <u>kontro-ezami</u> mistosija tghid jekk hemm xi problemi bejn il-*partner* taghha u huh l-imputat tghid li sa fejn taf hi m'hemmx problemi bejniethom pero tghid li ma jitkellmux. Tghid li meta kienu joqghodu x'imkien iehor ma kien hemm l-ebda inkonvenjent mal-girien minhabba l-klieb. Mistoqsija tghid ghala ma baqghux jghixu f'dan il-post, twiegeb ghax fejn jinsabu issa, fl-ghalqa hemm hafna aktar fejn il-klieb jistghu jigru. Mistoqsija tghid x'qal l-imputat ghall-ewwel tghid li sa fejn taf hi qalilhom li l-klieb ma ridhomx fejn kienu. Tghid li l-klieb kienu fil-komun tal-*area* tal-familja. Tixhed li bil-mod kif kienu marbutin il-klieb, in-nies setghu jghaddu xorta wahda. Tghid li kelb wiehed biss kien marbut. L-iehor kien qed jigri ma' xi klieb *stray*. Tghid li l-kelb li kien marbut kellu cinga twila aktar minn hames metri. Ikkonfermat li minn fejn kien marbut seta' ilahhaq anke mal-hajt ta' faccata.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **Emanuel Buhagiar** (Ufficjal ghal-Harsien tal-Annimali – *a fol.* 33 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Novembru 2012 Alex Attard kien mar l-ufficju tieghu u qallu li huh l-imputat kien sawwat bil-gebel u b'injama lil kelb tieghu li dak il-hin kien marbut b'katina twila. Jghid li ra l-*footage* tas-CCTV. Jghid li peress li l-veterinarju kiteb li kien hemm xi demm

fuq il-kelb ma kellux triq ohra hlief li jaghmel kwerela, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "EB 1" (*a fol.* 36 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013, xehed ukoll **PS 1240 Joseph Camilleri** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn ipprezenta u kkonferma l-kontenut tal-okkorrenza pprezentata minnu, liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. " JC 1" (*a fol.* 42 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed **Dr. Kevin Camilleri** (*a fol.* 46 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa rrilaxxa c-certifikat immarkat bhala Dok. "AA 1" (*a fol.* 17 *et seq.*). Jghid li mill-ezami li ghamel fit-23 ta' Novembru 2012 fuq il-kelb sab feriti ta' natura hafifa fuq l-imnieher u ferita ohra fuq in-naha l-ohra tal-imnieher fejn kien hemm ftit demm. Jghid li l-feriti kienu hfief hafna u rrizultalu li l-kelb ma kellu ebda forma ta' *concussion* u li l-*forma mentis* tieghu kienet tajba. Jghid li l-kelb gie li nvistah qabel u li din id-darba rah hafna aktar bezghan u mwerwer mis-soltu. Jghid li l-kelb rah f'zewg visti precedenti u li meta rah in segwitu tal-allegat akkadut, il-kelb deher agitat hafna u anzjuz.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Roderick Agius** (*a fol.* 48 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tar-rapport li kien ghamel Alex Attard rigward il-kelb tieghu fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Siggiewi. Iddeskriva x'jidher fil-*footage* tas-CCTV li gie mghoddi lilu. Ezebixxa stqarrija rilaxxata mill-imputat u dikjarazzjoni, li gew immarkati bhala Dok. "RA 1" u "RA 2" (*a fol.* 50 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2014, xehed l-imputat **Paul Attard** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn qal li huwa proprjetarju flimkien ma' hutu ta' razzett u li dakinhar tal-allegat akkadut mar biex jaghlef l-annimali tieghu u waqt li kien niezel hargu ghalih hamest'iklieb. Jghid li erbgha minnhom kienu bla cinga u iehor kellu c-cinga pero kien qed jostakola l-passagg minn fejn kellu jghaddi peress li c-cinga kienet twila aktar minn hames metri. Jghid li hu kien qed isuq mutur u x'hin wasal f'distanza zghira l-boghod minn fejn kellu jghaddu, waqaf, ghajjat lil huh Alex Attard peress li l-klieb bdew iduru mieghu u ma setax jimxi u seta jigi migdum. Jghid li ghajjat lil huh biex ikun jista' jigbor il-klieb. Jghid li meta hareg

huh, kull ma qallu kien li ladarba l-klieb kienu ma gidmuhx, seta' jibqa' sejjer , u huh rega' dahal il-gewwa billi sabbat il-bieb. Jghid li l-istat tat-triq minn fejn ried jghaddi ma kienitx wahda tajba u ezebixxa tliet ritratti li gew immarkati bhala Dok. "PA 1" sa "PA 3" (*a fol.* 64). Jghid li pprova jghaddi u rnexxielu pero l-klieb xorta baqghu jduru mieghu. Jghid li l-klieb ppruvaw jigdmuh tant li jghid li l-klieb daru diversi drabi fil-vicinanzi hafna ta' saqajh u ppruvaw jattakkawh. Jghid li l-*footage* ezebit f'dawn il-proceduri ma jurix l-*area* kollha pero juri biss roqgha zghira tal-incident. Jghid li meta ghadda kien f'paniku u f'biza' li gew kagunati minn biza' ta' hamest iklieb jigru wara mutur zghir. Jghid li waqaf u kull ma ghamel kien li qabad gebla u garaha biss lejn il-klieb. Jghid li lil kelb la laqtu u lanqas messu. Jghid li qabad injama wkoll u mar biex ibezza' lil kelb. Jixhed li fl-ebda hin ma aggredixxa lil huh anzi jghid li huh u l-*partner* tieghu garaw gebel fid-direzzjoni tieghu. Jghid li huh Alex Attard kien joqghod fi *flat* xi zmien qabel u li kellu problemi mal-girien tieghu minhabba l-klieb. Jixhed: *"jiena hemmhekk kont qieghed nagixxi taht stat ta' biza' fejn jiena ridt niddefendi lili nnifsi. La jiena tlabtu biex hu jaghti kaz u hu ma tax kaz jiena ridt illi niprotegi lili nnifsi"* (*a fol.* 61). Giet moqrija lilu l-istqarrija (Dok. "RA 1" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata minnu lil Pulizija fejn ikkonferma dak kollu li qal u vverifika s-segwenti: (a) fil-parti fejn jghid li mar igib injama u xejjer daqqtejn tal-injama u jghid li ma jafx jekk laqatx il-kelb, quddiem il-Qorti jghid li lill-kelb qatt ma laqtu, (b) jghid li l-kelb kien qed jinbah f'direzzjoni lejh u kien qed jidher li ma kienx qed jifrah bih, (c) jghid li l-intenzjoni tieghu kienet li jiddefendi lilu nnifsu *stante* li huh baqa' ma ha l-ebda azzjoni.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li qabel sehh l-akkadut kien jghaddi mit-triq in kwistjoni madwar darbtejn jew tliet darbiet fil-gimgha. Ikkonferma li l-persuna li tidher liebsa l-*crash helmet* fil-*footage* tas-CCTV huwa hu. Ikkonferma li kien qed jibza'. Ikkonferma wkoll li lill-kelb garalu xi gebel u li fil-filmat jidher qed ixejjer daqqa fid-direzzjoni tieghu u li l-kelb kien marbut. Mistoqsi jghid ghala rega' mar lura ladarba l-kelb kien marbut u hu ghadda, wiegeb: *"Ergajt mort lura biex jiena nippretendi dawn il-klieb iridu xi hadd iwissihom jew ikellimhom xi forma, biex jiena nipprotegi lili nnifsi"* (*a fol.* 62). Jghid ukoll: *"il-klieb xi hadd irid itihom messagg. [...] La dan hija ma qaflux meta jiena kellimtu bil-kelma t-tajba u bil-prudenza, jiena*

*rrid illi nibqa' ninzel hemmhekk kuljum bil-kwiet, ma jistax ikun ninzel hemmhekk taht din il-biza'"* (*a fol.* 62). Jghid li fl-ebda hin ma wegga' lil kelb u fl-ebda hin ma kellu intenzjoni li jwegghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "RA 1" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lil-Ufficjal Prosekutur, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat ta' spjegazzjoni fuq l-istess linji li huwa xehed meta ta' d-depozzizjoni tieghu quddiem il-Qorti. Ta' minn jinnota li fl-isqarrija, l-imputat ighid: *"Kif ghaddejt il-kelb il-kannella rega' beda jinbagh, dak il-hin kif rajt hekk intlift, inzilt minn fuq il-mutur qbadt gebla u garajtha fid-direzzjoni tal-kelb, imbaghad ergajt mort u gibt bicca injama u xejjertlu daqqa ta' injama izda ma nafx jekk lqattux"* (*a fol.* 51). Ikkonferma li l-kelb ma kienx gidmu. Jghid li dak li jidher li qed jaghmel hu fil-filmat mhuwiex att krudili pero huwa att biex jiddefendi lilu nnifsu. Meta mistoqsi jghid jekk jafx li meta tgara u ssawwat kelb b'injama huwiex att krudili u att ta' mohqrija, jghid: *"Iva imma jien kont qed naghmel dan taht biza' u self-defence"* (*a fol.* 51).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li gieghel kelb isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn. Il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Alex Attard (*a fol.* 11 *et seq.*) jixhed wara li sema xi storbju gej minn barra u rega' hareg jittawwal, sab lill-imputat isawwat lill-kelb b'bicca injama.

- Maryanne Zammit (*a fol.* 25 *et seq.*) tghid li rat lill-imputat sejjer b'injama kbira f'idu u ta daqqa x'imkien bejn iz-zewg vetturi li kienu pparkjati.

- Dr. Kevin Camilleri (*a fol.* 46 *et seq.*) ikkonferma c-certifikat (Dok. "AA 1" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxat minnu. Jispjega li l-

kelb kellu feriti ta' natura hafifa fuq imniehru u ferita ohra fuq in-naha l-ohra tal-imnieher fejn kien hemm ftit demm. B'differenza ta' meta ra l-kelb drabi precedenti, Dr. Camilleri jghid li din id-darba l-kelb deher bezghan, mwerwer, agitat u anzjuz.

- L-imputat Paul Attard (*a fol.* 56 *et seq.*) filwaqt li jghid li l-klieb pruvaw jattakkawh, jghid li l-ebda kelb ma gidmu. Kemm meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti (*a fol.* 56 *et seq.*) u kif ukoll fl-istqarrija (Dok. "RA 1" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat jghid li peress li kien imbezza', wara li ghadda minn fejn ried jghaddi, waqaf qabad gebla u garaha fid-direzzjoni tal-kelb li kien marbut. Jghid ukoll li qabad injama u filwaqt li quddiem il-Qorti qal li mar ibezza' lil kelb biha, fl-istqarrija rilaxxata minnu qal *"xejjertlu daqtejn ta' injama izda ma nafx jekk iltqattux"* (*a fol.* 51). Quddiem il-Qorti l-imputat qal li fl-ebda hin ma laqat jew mess il-kelb! Din mhijiex kredibbli. Allura, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ssaqsi: il-griehi sofferti mill-kelb minn gew?! Anke kieku ghall-grazzja tal-argument, wiehed jargumenta li l-imputat verament ma laqtux lill-kelb, xorta jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Dr. Kevin Camilleri li meta huwa ezamina l-kelb dan deher bezghan, mwerwer, agitat u anzjuz u dana m'hemmx dubju li kien konsegwenza tal-agir tal-imputat fil-konfront tieghu.

- L-imputat jargumenta li l-*footage* (Dok. "AA 7" – *a fol.* 24) ezebit f'dawn il-proceduri ma jurix l-*area* kollha pero juri biss roqgha zghira tal-incident. Dan huwa minnu pero l-*footage* juri dak li ghamel l-imputat lill-kelb, li ammetta huwa stess li ghamel kif inghad hawn fuq.

Illi, minn dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha. Fuq nota ohra, il-Qorti tinnota li hija tal-fehma assodata li jekk l-imputat verament kellu l-biza' mill-kelb/klieb u ma setghax jghaddi minhabba fihom, huwa setgha ma ghaddiex minn hemm u setgha jibqa' sejjer jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija sabiex jaghmel rapport u jittiehdu l-passi necessarji. L-imputat

dan m'ghamlux. Anzi mhux talli hekk talli jirrizulta li minkejja li l-kelb fl-ebda hin ma gidem lill-imputat u minkejja l-biza' li l-imputat jghid li kellu minhabba l-kelb/klieb, li wara li ghadda u skapula l-kelb marbut, li huwa waqaf u mar ghalih!

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputat jinsab akkuzat li hebb minghajr dorob ghal Alexander Attard. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Pace** moghtija fid-9 ta' Mejju 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li s-segwenti:

> "Biex persuna thebb kontra persuna ohra, m'hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm l-potenzjalita' ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik l-persuna l-ohra".

Illi l-Qorti tinnota li Alex Attard[1] u l-*partner* tieghu Maryanne Zammit[2] xehdu li x'hin hargu barra, l-imputat mar ghalihom bl-injama. Da parte tieghu, l-imputat[3] jichad li hu f'xi hin aggredixxa lil huh. Minn dak li semghet il-Qorti u minn dak li rat fil-*footage* (Dok. "AA 7" – *a fol.* 24), il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament l-imputat hebb ghal parti leza Alexander Attard dakinhar tat-23 ta' Novembru 2012. Dan ma jirrizultax mill-atti processwali. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti tibda billi tinnota li t-tielet (3) imputazzjoni taghmel riferenza ghal "Alexander Gatt" meta jirrizulta pjenement car li r-riferenza kellha ssir ghal "Alexander Attard" u dana *stante* li jirrizulta mill-atti processwali li ma jezisti hadd Alexander Gatt f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tista' tieqaf hawn u tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu

[1] *a fol.* 11 *et seq.*
[2] *a fol.* 25 *et seq.*
[3] *a fol.* 56 *et seq.*

pero thoss li ghandha taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet ulterjuri.

Illi kieku, ghall-grazzja tal-argument **BISS**, kellu jigi argumentat li l-izball fit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat kien *lapsus calami*, il-Qorti tinnota li mill-provi prodotti l-imputazzjoni in kwistjoni xorta ma tirrizultax.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B((1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. M'hemmx dubju li ghandu jigi pruvat li kien hemm *course of conduct* sabiex l-imputat jigi misjub hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li, f'dan il-kaz, dan il-*course of conduct* ma jirrizultax ghaliex fil-kaz odjern jirrizulta li kien incident ta' darba, li sehh f'jum wiehed fl-istess hin. Ghaldaqstant, it-tielet (3)

imputazzjoni ma tirrizultax u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li hija biss l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat li giet sodisfacentment pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "B1" – *a fol.* 7) tal-imputat u n-natura tar-reat addebitat lilu u li giet pruvat. Il-Qorti hija tal-fehma li dak li ghamel l-imputat huwa atteggjament ta' bniedem kodard li mar fuq annimal li kien marbut u li hu (l-imputat) setgha facilment jahrab kieku l-kelb ghamel ghalih (ghax il-kelb kien marbut b'cinga). L-imputat jghid li dak li ghamel ghamlu biex jipprotegi lilu nnifsu. Kieku ried jipprotegi lilu nnifsu messu fl-ebda hin ma waqaf u nizel mill-mutur. L-imputat jghid li huwa jippretendi li xi hadd iwissi l-klieb (*a fol.* 62) u ried li xi hadd jaghtihom messagg (*a fol.* 62). Ir-ragunijiet kollha migjuba mill-imputat huma biss ragunijiet pwerili u insinjifikanti. Il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tal-fatt li l-imputat ghandu 53 sena u li qatt ma kiser difrejgh mal-ligi, tant li ghandu l-fedina penali tieghu kompletament nadifa, li l-piena fil-konfront tieghu ghall-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu ghandha tkun dik ta' hlas ta' multa. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li f'kaz li dan l-Artikolu kellu jkun applikat ghall-kaz odjern ikun qed jigi minimizzat wisq l-ghemil tal-imputat fil-konfront tal-kelb.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati, fuq nuqqas ta' provi, tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 8(2) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Paul Attard hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf u mitejn Euro (€ 1200.00).

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tenut kont tal-fatt li l-imputat gie liberat mit-tieni (2) u mit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------